32000D0728

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI
ta' l-10 ta' Novembru 2000
li tistabbilixxi l-applikazzjoni u l-miżati annwali tat-tikketta-Ekoloġika tal-Komunità

(notifikata taħt dokument numru K(2000) 3279)

(Test b'relevanza ŻEE)

(2000/728/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jwaqqaf il-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 175(1) tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1980/2000 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Lulju 2000 dwar skema ta' għoti tat-tikketta-Ekoloġika tal-Komunità [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 12 u l-Anness V li jinsab magħha,

Billi:

(1) L-Artikolu 12 tar-Regolament (KE) Nru 1980/2000 jipprovdi li kull applikazzjoni għall-għoti tat-tikketta-Ekoloġika għandha tkun suġġetta għall-ħlas ta' miżata li tirrelata man-nefqa ta' l-ipproċessar ta' l-applikazzjoni u li l-użu tat-tikketta-Ekoloġika jinvolvi l-ħlas ta' miżata annwali mill-applikant.

(2) L-Artikolu 12 tar-Regolament (KE) Nru 1980/2000 jipprovdi li l-livell ta' l-applikazzjoni u l-miżati annwali għandhom jiġu stabbiliti mill-Kummissjoni skond l-Anness V u taħt il-proċedura mniżżla fl-Artikolu 17 ta' l-imsemmi Regolament.

(3) L-Anness V tar-Regolament (KE) Nru 1980/2000 jipprovdi li miżata minima u massima għal ħlas ta' l-applikazzjoni għandha tiġi ffissata, u li l-miżata ta' l-applikazzjoni għandha titnaqqas ta' l-anqas b'25 % fil-każ ta' SMEs [2] u kif ukoll għall-manifatturi ta' prodotti u għal dawk li joffru servizzi f'pajjiżi li għadhom qed jiżviluppaw.

(4) L-Anness V tar-Regolament (KE) Nru 1980/2000 jipprovdi li l-miżata annwali għandha tiġi kkalkolata b'relazzjoni mal-volum annwali ta' bejgħ fil-Komunità tal-prodott li jingħata t-tikketta-Ekoloġika, u li miżata minima u massima għandha tiġi ffissata.

(5) L-Anness V tar-Regolament (KE) Nru 1980/2000 jipprovdi li l-miżati ta' l-applikazzjoni għandhom jitnaqqsu b'ta' l-anqas b'25 % fil-każ ta' SMEs, kif ukoll għall-manifatturi ta' prodotti u għal dawk li jipprovdu servizzi f'pajjiżi li għadhom qed jiżviluppaw.

(6) L-Anness V tar-Regolament (KE) Nru 1980/2000 jipprovdi li l-applikanti li jkunu diġà rċevew ċertifikazzjoni taħt l-Iskema ta' mmaniġjar u verifika ta' l-ambjent (EMAS) jew ISO 14001 jistgħu jingħataw tnaqqis addizzjonali fuq il-miżata annwali.

(7) L-Anness V tar-Regolament (KE) Nru 1980/2000 jipprovdi li aktar tnaqqis jista' jiġi kkunsidrat taħt il-proċedura mniżżla fl-Artikolu 17 ta' l-imsemmi Regolament.

(8) Il-miżuri pprovduti f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat imwaqqaf bis-saħħa ta' l-Artikolu 17 tar-Regolament (KEE) Nru 1980/2000,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

1. Applikazzjoni biex tingħata t-tikketta għandha tiġi suġġetta għall-ħlas ta' miżata li tirrelata man-nefqa ta' l-ipproċessar ta' l-applikazzjoni.

2. Il-miżata minima ta' l-applikazzjoni għandha tkun EUR 300. Il-miżata massima ta' l-applikazzjoni għandha tkun EUR 1 300.

3. Fil-każ ta' SMEs, kif ukoll fil-każ ta' manifatturi ta' prodotti u ta' dawk li joffru servizzi f'pajjiżi li għadhom qed jiżviluppaw, il-miżata ta' l-applikazzjoni għandha titnaqqas b'25 %. Iż-żewġ riduzzjonijiet għandhom ikunu kumulattivi u għandhom japplikaw ukoll għall-miżata minima u massima ta' l-applikazzjoni.

Artikolu 2

1. Kull applikant li jkun ingħata t-tikketta-Ekoloġika għandu jħallas miżata annwali għall-użu tat-tikketta, lill-korp kompetenti li jkun ta it-tikketta.

2. Il-perijodu kopert bil-miżata jibda jgħodd mid-data ta' l-għoti tat-tikketta-Ekoloġika lill-applikant.

3. Il-figuri tal-volum tal-bejgħ annwali għandhom jiġu bbażati fuq il-prezzijiet kif joħorġu mill-fabbrika meta l-prodott li jkun ingħata t-tikketta-Ekoloġika jkun oġġett. Għandhom ikunu bbażati fuq il-prezz kif jasal għand min ser juża l-prodott meta jirrelataw ma' servizzi.

4. Il-figura għall-miżata annwali għandha tkun 0,15 % tal-volum ta' bejgħ annwali fil-Komunità tal-prodott mogħti t-tikketta-Ekoloġika.

5. Il-miżata minima annwali għandha tkun EUR 500 għal kull grupp ta' prodott għal kull applikant. Il-miżata massima annwali għandha tkun EUR 25 000 għal kull grupp ta' prodott għal kull applikant.

6. Fil-każ ta' SMEs, kif ukoll fil-każ ta' manifatturi ta' prodotti u għal dawk li jagħtu servizzi f'pajjiżi li għadhom qed jiżviluppaw, il-miżata ta' l-applikazzjoni għandha titnaqqas b'25 %. Iż-żewġ riduzzjonijiet għandhom ikunu kumulattivi.

[1] ĠU L 237, tal-21.9.2000, p. 1.

[2] SMEs kif iddefiniti fir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 96/280/KE (ĠU L 107, tat-30.4.1996, p. 4).

7. Il-miżata annwali għandha titnaqqas bi 15 % għal applikanti li huma ċċertifikati taħt l-Iskema ta' mmaniġjar u verifika ta' l-ambjent (EMAS) u/jew ISO 14001. Dan it-tnaqqis għandu jkun suġġett għall-kondizzjoni li l-applikant espliċitament jikkometti ruħu fil-politika ambjentali tiegħu, li tiżgura li l-prodotti tiegħu ttikkettjati-Ekoloġikament jikkonformaw bis-shiħ mal-kriterji tat-tikketta-Ekoloġika fil-perijodu kollu tal-validita tal-kuntratt u li dan l-irbit jiġi inkorporat kif jixraq fl-għanijiet ddettaljati ambjentali. Dawk l-applikanti b'ISO 14001 għandhom ta' kull sena jagħtu xhieda ta' l-implimentazzjoni ta' din ir-rabta. Dawk fl-Iskema ta' mmaniġjar u verifika ta' l-ambjent (EMAS) għandhom ta' kull sena jibagħtu l-kopja vverifikata tad-dikjarazzjoni ambjentali tagħhom.

8. Il-Korpi Kompetenti jistgħu jagħtu tnaqqis sa 25 % lill-ewwel tlett applikanti f'kull Stat Membru li jingħataw it-tikketta-Ekoloġika għall-grupp partikolari ta' prodotti.

9. It-tnaqqis kollu ta' hawn fuq għandu jkun kumulattiv u għandu japplika wkoll għall-miżata annwali minima u massima, iżda m'għandux fit-total jeċċedi l-50 %.

10. Prodotti li għalihom l-intermedjati jkunu diġà ġew suġġetti għall-ħlas ta' miżata annwali għandhom ikunu suġġetti biss għall-ħlas tal-miżata li tikkorrispondi mal-bejgħ annwali tal-prodotti wara t-tnaqqis tal-valur tan-nefqa ta' dawk l-intermedjati.

Artikolu 3

La l-miżata ta' l-applikazzjoni u lanqas il-miżata annwali m'għandhom jinkludu xi nefqa ta' l-ittestjar u l-verifikazzjoni li tista' tkun meħtieġa għall-prodotti li huma s-suġġett ta' l-applikazzjoni. L-applikanti nfushom għandhom iħallsu n-nefqa ta' dak l-ittestjar u verifikazzjoni.

Artikolu 4

Kuntratti għall-użu tat-tikketta-Ekoloġika konklużi qabel id-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni jistgħu fuq talba tad-detentur tal-liċenzja jiġu mmodifikati biex ikunu jagħtu kont tad-dispożizzjonijiet ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 5

L-adozzjoni jew ir-reviżjoni mill-Komunità tal-gruppi ta' prodotti bit-tikketta-Ekoloġika ta' l-UE, skond il-proċedura mniżżla fl-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru 1980/2000, tista' twassal għall-modifikazzjonijiet fl-applikazzjoni tad-Deċiżjoni kurrenti li tiffissa n-nefqiet u l-miżati ta' grupp partikolari ta' prodotti. Dawn il-modifikazzjonijiet għandhom jiġu kkunsidrati espressament fid-Deċiżjoni li tistabbilixxi l-kriterji ekoloġiċi għal dak il-grupp partikolari ta' prodotti.

Artikolu 6

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 93/326/KEE tat-13 ta' Mejju 1993 li twaqqaf linji ta' gwida indikattivi għall-iffissar tan-nefqiet u l-miżati b'konnessjoni mat-tikketta-Ekoloġika tal-Komunità [1] qiegħda b'dan tiħassar.

Artikolu 7

Il-Kummissjoni tista' tirrevedi u tevalwa l-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni fi żmien sentejn, u tista' tipproponi li taddattaha kif xieraq.

Artikolu 8

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussell, fl-10 ta' Novembru 2000.

Għall-Kummissjoni

Margot WALLSTRÖM

Membru tal-Kummissjoni

[1] ĠU L 129, tas-27.5.1993, p. 23.